MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2004

Numru. 525/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**vs -**

**Mario Scicluna bin Anthony u Jane nee' Debono, residenti Maple Leaf Court, Triq Pawlu Portelli, Rabat, Ghawdex detentur tal-karta tal-identita` numru 21575(M)**

Il-Qorti;

Rat illi l-imputat **MARIO SCICLUNA**, bin Anthony u Jane nee' Debono, residenti Maple Leaf Court u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 21575(M) gie mressaq

quddiemha u akkuzat talli nhar it-tnax (12) ta' Ottubru 2003 ghall-habta tas-saghtejn neqsin kwart ta' fil-ghodu (1.45am) bhala l-persuna licenzja biex jaghmilha ta' 'Substitute' fil-hanut 'Café Jubilee' li jinsab fi Pjazza Indipendenza, Rabat, Ghawdex:-

1. f'dan l-istess hanut haddem jew gieghel lil min ihaddem stereo, Loud Speaker, Amplifikatur jew apparat tal-muzika, ghamel inkella gieghel jew halla li jsiru hsejjes daqshekk qawwija li jdejqu lid-detenturi jew lin-nies li joqoghdu f'bini qrib;

2. talli fl-istess data u hin fl-istabbiliment 'Café Jubilee' ippermetta d-daqq ta' muzika minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-pulizija.

Semghet lil Alexander Scicluna jiddikjara li hu kien awtorizzat jirregistra ammissjoni ghan nom tal-impuat li hu huh.

Semghet lil Alfred Camilleri prodotti mill-prosekuzzjoni jghid li hu kkonferma l-fatt li l-impuat llum biddel s-sistema kollha tas-sound proofing fl-istabbiliment tieghu Café Jubilee u li llum il-gurnata m'ghadx hemm problemi.

In vista tal-ammissjoni registrata fl-atti u in vista tax-xhieda moghtija minn Alfred Camilleri u wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe 41(2)(a) tal-Kap 10, l-artikolu 2(1) LS 1009 tiddikjara li ssib lil imputat MARIO SCICLUNA hati u tikkundannah ghal canfira w ammonizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------